TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/26/18/S

Shirley Casha u Clayton Casha
vs
R Living - Roxy Home Furnishing Limited

Illum, 21 ta' Marzu 2019

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-21 ta' Frar 2018 u r-Risposta relattiva ippreżentata fis-6 ta' April 2018;
Ra d-dokumentazzjoni ippreżentata, sema' x-xhieda kollha, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni relattiva.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu r-riżarċiment tas-somma ta' elf Ewro (€1,000.00) *stante* li wara ordni ta' *parquet* li għaliha ġiet imħallsa din is-somma, l-ordni ma avveratx ruħha u s-soċjetà intimata ma żammitx mal-ftehim relattiv. Nonostante interpellazzjoni, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti.

Illi fir-Risposta, is-soċjetà intimata eċċepiet:

-Li fit-12 ta' Ġunju 2017, ir-rikorrenti ġew infurmati li l-*parquet* ordnat minnhom kien wasal u kien lest sabiex jiġi ikkonsenjat lir-rikorrenti;

-Illi nonostante, l-ewwel kuntatt li għamlu r-rikorrenti mas-soċjetà intimata kien fit-12 ta' Settembru 2017, ċioe tlett xhur wara, u dan il-kuntatt kien fis-sens li r-rikorrenti xtaqu li l-ordni tkun ikkanċellata u li d-depożitu jingħatalhom lura; u

-Illi s-soċjetà intimata onorat l-obbligi kollha tagħha versu r-rikorrenti u jekk, għal xi raġuni, ir-rikorrenti biddlu

ħsiebhom u ma jridux jieħdu dak ordnat minnhom, id-depożitu għandu jinżamm mis-soċjetà intimata.

Ir-rikorrent Shirley Casha ikkonfermat li fit-12 ta' Ġunju 2017, hija rċeviet messaġġ mis-soċjetà intimata li permezz tiegħu saret taf li l-materjal tal-*parquet* kien wasal. Skont Casha, hija prontament ċemplet lis-soċjetà intimata u kellmet lil Adrian Psaila. Dan infurmaha li kien ser jagħtiha appuntament sabiex il-materjal jitwassal fid-dar tagħhom. Casha xehdet li wara li għaddew madwar tlett xhur, hija marret fis-*showroom* u tkellmet ma' persuna oħra. Essenzjalment, Casha xehdet li hija kienet qaltlu li kienet lesta tieħu b'elf Ewro (€1,000.00) xogħol jew alternattivament, ir-ritorn tad-depożitu ta' elf Ewro (€1,000.00). It-Tribunal osserva li in kontro-eżami, Shirley Casha spjegat x'kien li verament irritaha meta xehdet hekk: *"mhux fair fuqi li għandi noqgħod niġri wara n-nies."*

Ir-rikorrent ippreżentat kopja ta' *e-mail* li hi bagħtet lil Jurgen Mifsud (jurgen@rliving.com.mt) fit-13 ta' Settembru 2017 kif ukoll id-dokument "SC6", maħruġ mis-soċjetà GO plc, li juri li bejn l-1 ta' Ġunju 2017 u l-25 ta' Lulju 2017, saret telefonata waħda bejn in-numri *79317899* u *21499699* u din it-telefonata saret fil-15 ta' Ġunju 2017. It-Tribunal jirreferi wkoll għall-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2018 fejn tniżżel is-segwenti: *"It-Tribunal qed jara messaġġ li jgħid:- 'Please note that we received your items kindly contact Adrian for an appointment on 21499699. Thanks. R Living.' Dan intbagħat min-numru 99066966."*

Illi għalhekk, dawn huma l-unika prova ta' kuntatt telefoniku bejn il-partijiet.

It-Tribunal osserva partikolarment il-kontenut tal-*e-mail* mibgħut minn Shirley Casha lis-soċjetà intimata fit-13 ta' Settembru 2017, li fih hija qalet li kienet qed tagħti żewġ għażliet lis-soċjetà intimata: li s-soċjetà tagħti lura d-depożitu ta' elf Ewro (€1,000.00) jew li hija tieħu biss l-ammont ta' materjal ta' *parquet* li jkopri l-valur ta' elf Ewro. Jumejn wara, jiġifieri fil-15 ta' Settembru 2017, Stephen Mifsud, direttur fi ħdan is-soċjetà intimata, infurmaha li ebda minn dawk l-għażliet ma kienet aċċettabbli. Mifsud kiteb li huma onoraw il-ftehim inizjali u ordnaw il-materjal kif xtaqet hi. Nonostante, Mifsud qal li sabiex tintlaħaq soluzzjoni amikevoli, il-kumpanija kienet disposta toffri *discount* ulterjuri ta' ħamsa fil-mija (5%).

Illi mill-korp tax-xhieda, jirriżulta b'mod ċar li din hija kwistjoni ċarissima ta' *miscommunication*. It-Tribunal josserva, fil-fatt, li fis-seduta tas-7 ta' Frar 2019 xehed Steve Mifsud li fil-kontro-eżami, qal hekk: *"Dejjem jista' jkun hemm human error wara kollox aħna umani jiġifieri jista' jkun hemm human error."*

Illi t-Tribunal qiegħed jirreferi għal din ix-xhieda partikolari fid-dawl tal-fatt li ir-rikorrenti qatt ma xehdu, per eżempju, li l-materjal relattiv ma kienx ta' kwalità tajba jew li s-soċjetà intimata impurtat materjal differenti minn dak ordnat. Fl-essenza tiegħu, l-ilment tar-rikorrenti jammonta f'bidla fil-ħsieb *stante* li fil-fehma tagħhom, huma ma ġewx ikkuntattjati mis-soċjetà intimata sabiex il-konsenja tal-materjal tkun tista' ssir. Għalhekk, il-partijiet jaqblu li sar kuntratt bejniethom u r-rikorrenti mhux qegħdin jallegaw li s-soċjetà rikorrenti ma żammitx mal-kuntratt. Għalhekk, it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà intimata hija ċertament korretta u timmerita li tiġi milqugħa.

Illi fil-provi prodotti, it-Tribunal imkien ma jista' jsib raġunijiet sabiex b'xi mod jikkonkludi li s-soċjetà intimata naqset li tonora l-ftehim. Għall-kuntrarju, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma ibbażati unikament fuq is-sinistru sfortunat rigward nuqqas ta' komunikazzjoni jew komunikazzjoni ħażina. Fil-fehma tat-Tribunal, għalkemm seta' faċilment kien hemm iktar diliġenza f'dan ir-rigward, dan ma jistax iwassal sabiex ir-relazzjoni ġuridika u kuntrattwali bejn il-partijiet tinħall.

Illi r-rimedji disponibbli lill-konsumatur *ai termini* tat-Taqsima X tal-Kap. 378 huma ċari fis-sens li japplikaw biss meta jkun hemm nuqqas ta' konformità tal-oġġetti ikkonsenjati mal-kuntratt relattiv. Ir-rikorrenti ma għamlu ebda allegazzjoni ta' nuqqas ta' konformità u għalhekk, ma jistgħux jibbenefikaw mir-rimedji taħt it-Taqsima X.

Illi fil-każ *de quo*, mhux il-każ li s-soċjetà intimata qegħda tirrifjuta li tikkonsenja l-*parquet* u lanqas huwa l-każ li r-rikorrenti jinsabu iddanneġġjati *stante* dewmien inġustifikat fil-konsenja. Għall-kuntrarju, dan huwa każ ċar ta' *miscommunication* li b'riżultat tiegħu ir-rikorrenti qegħdin jippruvaw joħorġu mill-kuntratt konkluż.

Illi għalhekk, it-Tribunal ma jaqbilx li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi milqugħa.

Deċide

Għaldaqstant, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li sema' lill-partijiet jixhdu, wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti u jilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata.
It-Tribunal jordna li kull parti ghandha tħallas l-ispejjeż relattivi tal-kawża.

Richard Sladden Av.
ARBITRU